MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1153/2005

**Talba Nru: 1153/05PBC**

**Mirachem (Marketing) Limited (C8790)**

**Vs**

**Jesmond Sant (ID 17766M) u b'digriet tal-10 ta' Novembru, 2005
giet imsejha fil-kawza Rita Sant (ID Numru 151865M) u b'digriet
iehor tal-5 ta' Dicembru, 2006 it-Tribunal irrevoka d-digriet tal-
10 ta' Novembru, 2005**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf, mitejn u disa` liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,209.24c) u dan peress illi l-konvenut bejn il-11 ta` Gunju, 2004 u l-11 t`Ottubru, 2004 xtara w akkwista prodotti varji minghand is-socjeta` attrici u li gew ikkonsenjati lilu ghall-beneficcju tieghu mill-istess socjeta` attrici. Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma mitluba rapprezentanti l-prezz ta` l-istess, liema konvenut interpellat biex ihallas baqa` inadempjenti. Illi ghal kull buon fini l-attur iddikjara illi c-cekk BOV numru 18722 datat 13 ta` Novembru, 2004 fl-ammont ta` seba` mija u hdax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm711.20c) mahrug mill-konvenut ma giex onorat mill-bank.

Illi l-konvenut debitament notifikat wiegeb illi l-konvenuti odjerni ghaddejjin minn proceduri ta` separazzjoni personali liema proceduri jinsabu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk jigi pruvat li l-ammont mitlub fl-Avviz huwa dovut, dan hu dejn tal-komunjoni ta` l-akkwisti u ghalhekk jinqasam nofs b'nofs. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tal-10 ta` Novembru, 2005 li bih giet kjamata fil-kawza Rita Sant.

Ra d-digriet tal-5 ta` Dicembru, 2006 li bih gie revokat *contrario imperio* d-digriet tal-10 ta` Novembru, 2005.

Ra li l-kawza giet differita ghall-provi tal-partijiet ghad-19 ta` Jannar, 2007.

Sema` x-xhieda ta` Ferdinand Grech.

Ra li l-konvenut la deher ghas-seduta tad-19 ta` Jannar, 2007 u lanqas ipproduca provi.

Ra li l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza u li ma gie pprezentat l-ebda Rikors fejn intalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni ta` l-istess.

**Ikkunsidra**

Illi mix-xhieda ta` Ferndinand Grech jirrizulta illi l-konvenut, li kien jopera l-hanut Save and Smile, l-Mosta, xtara merkanzija f'ammont komplessiv ta` elf, mitejn u disa` liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,209.24c) u li din il-merkanzija ma thallsitx.

Jirrizulta illi Jesmond Sant ipprezenta cekk bid-data tat-13 ta` Novembru, 2005 bhala pagament akkont fl-ammont ta` seba` mija u hdax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm711.20c) izda dan ic-cekk ma giex onorat mill-bank u ghalhekk l-ammont originali baqa` dovut.

Din ix-xhieda ta` Ferdinand Grech bl-ebda mod ma giet kontradetta u ghalhekk fuq bazi ta` l-istess it-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha. Jinghad ukoll illi fir-rigward ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut referibbilment ta` jekk id-dejn huwiex formanti parti mill-komunjoni ta` l-akkwisti u jekk dan ghandux jinqasam bin-nofs bejnu u martu, din il-kwistjoni tezorbita` l-gurisdizzjoni ta` dan it-Tribunal u ghalhekk dan it-Tribunal qieghed jastjeni li jiehu konjizzjoni ta` l-istess izda qed jirriserva d-dritt tal-konvenut dwar l-istess talba quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn *ex admissis* huwa ddikjara li ghandu proceduri pendenti ghas-separazzjoni personali.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta` elf, mitejn u disa` liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,209.24c) bl-ispejjez tal-kawza u, stante li hawn si tratta ta` bejgh ta` natura kummercjali, l-interessi jibdew jiddekorru mid-data ta` l-ahhar *invoice* u cjoe` mill-11 t`Ottubru, 2004 liema interessi jirrapprezentaw l-interessi legali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------